

32001D0744

23.10.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 278/35

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-17 ta' Ottubru 2001

li temenda l-Anness V mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE dwar il-valuri limitu għal dijossidu tal-kubrit, dijossidu tan-nitroġenu u ossidi tan-nitroġenu, materjal ta' partikolati u ċomb farja ambjentali

(innotifikat taħt id-dokument numru C(2001)3091)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2001/744/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE tat-22 ta' Ġunju 1999 li tirrelata għall-valuri limitu għal dijossidu tal-kubrit, dijossidu tan-nitroġenu u ossidi tan-nitroġenu, materjal ta' partikolati u ċomb farja ambjentali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(7) tagħha,

Billi:

- (1) Valuri limitu għal dijossidu tal-kubrit, dijossidu tan-nitroġenu u ossidi tan-nitroġenu, materjal ta' partikolati u ċomb farja ambjentali huma stabbiliti fid-Direttiva 1999/30/KE.
- (2) Il-metodu biex jiġu determinati t-*thresholds* għolja u baxxi ta' daww il-pollutanti stabbiliti f'dik id-Direttiva għandu jiġi emendat sabiex tiġi kkjarifikata l-proċedura ta' kalkolu.
- (3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 12(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE ⁽²⁾,

Artikolu 1

It-Taqsima II ta' l-Anness V mad-Direttiva 1999/30/KE hija sostitwita bit-test fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Ottubru 2001.

Għall-Kummissjoni

Margot WALLSTRÖM

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 163, tad-29.6.1999, p. 41.

⁽²⁾ ĠU L 296, tal-21.11.1996, p. 55.

ANNEX

“II. Id-Determinazzjoni ta' l-ammonti żejda fit-*thresholds* għolja u baxxi

Iż-żejjed fit-*thresholds* għolja u baxxi għandu jiġi determinat abbażi ta' konċentrazzjonijiet tul il-ħames snin ta' qabel meta hija disponibbli *data* suffiċjenti. *Threshold* titqies li nqabżet jekk tkun inqabżet tul mill-inqas tliet snin separati minn dawk il-ħames snin ta' qabel.

Meta hija disponibbli inqas *data* minn ħames snin l-Istati Membri jistgħu jikkombinaw kampanji ta' kejl ta' tul qasir tul il-perjodu tas-sena u f'postijiet x'aktarx tipiċi ta' l-oġġla livelli ta' tniġġiż b' riżultati ottenuti minn informazzjoni minn inventori ta' emissjonijiet u bħala kampjuni sabiex jiġi determinat b'kemm jinqabeż il-limitu tat-*thresholds* għolja u baxxi.”
